# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  52 / 17RGM

Kawza fil-lista:  9

**A B**
**vs**
**L-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li permezz ta' digriet datat 24 ta' April 2017 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena 1983 skont certifikat taz-zwieg u miz-zwieg kellhom tifel, Josef B li llum ghandu tnejn u tletin sena (32) u izda ghandu bzonnijiet specjali;

Illi l-imsemmi C D jinsab mahrub minn Malta u ilu ma jaghmel kuntatt ma' martu ghal circa dawn l-ahhar hames snin;

Illi llum l-esponenti ma baqalix kuntatt mal-konvenut peress li dan telaq minn Malta u ghalhekk ma tafx fejn jinsab;

Illi ghalhekk l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti illum spiccat u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti f'Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega min din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skont il-ligi u dana skont digriet numru 405/17;

Illi m'hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrent u r-ragel taghha C D ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tapplika kontra l-imsemmi intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti;

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

5. Tikkundanna lill-istess intimat jhallas lir-rikorrenti ghaliha u ghat-tifla minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata lilha dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda skont l-gholi tal-hajja u tnaqqis mill-paga ta' l-intimat li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti li tirregistra, ossia li tnizzel fir-registru pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-1 ta' Marzu 2017 fejn talbet li jigi nominat kuratur biex jirrappresenta lill-assenti zewgha li harab min Malta, ilu ma jaghmel kuntatt maghha ghal circa dawn l-ahhar hames snin u ma tafx fejn jinsab fil-present;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' April 2017 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia, bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fis-27 ta' Gunju 2017;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi tas-26 ta' Gunju 2017 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u talbu li jinghataw l-ahhar indirizz tal-assenti biex jippruvaw jikkomunikaw mieghu;

Rat l-atti kollha;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, A B xebba Mifsud, fl-affidavit taghha mahluf fis-26 ta' Gunju 2017,[1] iddikjarat li ltaqghet mar-ragel taghha C D, Sirjan, fis-sena 1982. Hu kien ghamel zmien barra minn Malta billi kien jahdem fuq il-vapuri, izda wara xi sitt xhur li ltaqghu pproponilha biex tizzewgu. Huma zzewgu bic-civil fit-23 ta' Marzu 1983. Huma qatt ma xtraw post, kienu dejjem jikru, fil-bidu marru jghixu il-Gzira, biddlu diversi postijiet u spiccaw jghixu ghand ommha fil-Pieta'. Kellhom tifel, Josef B li twieled fit-12 ta' Frar 1985, li wara sentejn indunaw li kien jbaghti minn dizabilita' mentali. Zewgha kien juriha u jghidilha li dan il-fatt li t-tifel kellu dan il-mankament, hu ma kienx jaccettah.

Hi tghid li r-ragel ma kienx kattiv. Xehdet li l-inkwiet beda ghal habta tas-sena 2010 meta beda jakkuzaha li kienet qed tabbandunah billi kienet taghti aktar importanza lil ommha u lit-tifel. Hi pero' tinsisti li dan mhux minnu billi lir-ragel qatt ma naqsietu u tant hadet hsieb it-tifel minhabba d-dizabilita' li ghandu li sar kompletament dipendenti minnha.

Fl-ahhar tmien snin zewgha beda jsiefer spiss, kien jghid li jmur il-Libja, l-Egittu u s-Sirja fuq negozju. Hi tghid pero' li qatt ma rat xi flus minn dan l-allegat negozju. Ix-xoghol tieghu kien ta' furnar. Kien jaghmel xhur shah imsiefer. Kien hemm okkazjonijiet rari meta baghtilha xi haga zghira tal-flus, mhux aktar minn mitejn Euro, pero' bhala regola ma kien jaghtiha xejn.

Tghid li bdiet tissuspetta hazin billi dan ma kienx agir normali. L-ahhar li ratu kien bejn l-ghada tal-Milied tas-sena 2013 u s-26 ta' Jannar 2014. Qabel kien ilu xi seba' xhur imsiefer. Minn dak iz-zmien qata' kull kuntatt maghha u qatt ma regghet ratu jew semghet b'ahbaru.

L-attrici xehdet illi matul iz-zwieg taghhom ma kienux xtraw propjeta', taf li zewgha kien xtara van biex iqassam il-hobs pero' ma tafx x'sar minnu.

Zewgha kellu forn f'Hal Qormi u kellu kont tad-dawl u l-ilma pendenti. Peress li l-ID card tieghu kienet fuq l-indirizz ta' ommha hi giet avzata mill-Arms Limited li kien ser jinqata' d-dawl mid-dar ta' ommha. Hi ghalhekk kellha thallas mitt

[1] Fol 23 u 24.

euro fix-xahar sakemm thallas il-kont kollu. Fil-forn kien hemm telephone, kien hemm kont pendenti, saret kawza u zewgha kien tilifha. Hi ghalhekk kellha thallas dan il-kont ukoll.

Iddikjarat li kellu hanut tal-laham fil-Gzira, propjeta' tal-Housing u taf li ghad hemm xi kera pendenti.

Finalment iddikjarat li ma tirceviex manteniment minn ghand zewgha ghaliha u ghall-binha, ma kellhomx dar matrimonjali u m'ghandhomx assi parafernali ghand xulxin. Il-komunjoni tal-akkwisti ma ghandha l-ebda propjeta'.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Mill-provi mressqa huwa evidenti illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament minhabba abbandun da parti tal-konvenut.

L-**artikolu 41 tal-Kap. 16** jghid hekk:

" Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandonata mill-ohra, minghajr raguni tajba".

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghtu lok ghall-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38, l-adulterju, u 41, l-abbandun, huma elenkati fl-artikolu 48 tal-Kap 16.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 ntqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kaz, minghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal:

" Biex l-abbandun ikun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr giusta kawza. L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistix jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-gudikant".

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-ahhar darba li l-attrici rat lill-konvenut zewgha kien fis-26 ta' Jannar 2014, kwazi erba' snin ilu. Il-konvenut minn dik n-nhar qatt ma rega' kkommnuika mal-attrici li ma ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn

jinsab fil-present. Il-konvenut hu Sirjan u l-attrici kkonfermat li qabel ma abbandunaha permanentement, kien jsiefer ghal xhur shah, gieli dam seba' xhur imsiefer. Jirrizulta ghalhekk li l-attrici giet abbandunata minn zewgha minghajr giusta kawza.

Dwar it-talba ghall-manteniment, filwaqt li fir-rigward tal-omm t-talba hi gustifikata, fir-rigward tat-tifel li llum hu maggorenni, ma ngabux provi sabiex il-Qorti tkun tista' tikkunsidra t-talba ghall-manteniment ta' wild maggorenni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tapplika 'in toto' kontra il-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 tal-Kodici Civili;

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attrici u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tastjeni milli tillikwida l-istess billi ma kienx hemm assi fl-istess komunjoni;

4. Tichad ir-raba' talba tal-attrici billi ma rrizultax li l-konvenut kellu fil-pussess tieghu beni dotali jew parafernali tal-attrici;

5. Tilqa' in parti l-hames talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici tlett mitt euro (€300) fix-xahar manteniment ghall-attrici li jithallas kull l-ewwel tax-xahar u jghola kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern. Tichad it-talba ghall-manteniment ghal bin il-partijiet;

6. Tilqa' s-sitt talba tal-attrici u tawtorizzaha tirregistra din s-sentenza fir-Registru Pubbliku;

7. Tilqa' s-seba' talba tal-attrici u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha "Mifsud".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut filwaqt li tordna li l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi deputati ghall-assenti jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**